MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tas-26 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 476/2006

**Talba Nru: 476/06VGD**

Pamela Mamo (Id. 530680M), u skond digriet moghti mit-Tribunal nhar il-5 ta' Lulju 2006 l-isem Pamela Mamo (Id 530680M) gie mibdul f'Daniela Mamo (Id. 530682M).

Vs

Pauline Galdes (Id 262663M)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet il-hlas minghand il-konvenuta tas-somma ta' tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm23.18c) rapprezentanti bilanc fuq somma akbar dovuti lill-istess attrici u

rigwardanti xiri ta' diversi hwejjeg. Bl-ispejjes u bl-imghax min-notifika ta' dan l-avviz kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra d-Digriet moghti minn dan it-Tribunal kif diversament presjedut tal-5 ta' Lulju 2006.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lil konvenuta thallas is-somma ta' tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmintax-il centezmu (Lm23.18c), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------